MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 452/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1245/2001 fl-ismijiet :-**

**L-Avukat Dottor Tonio Fenech u l-Avukat Dottor Kenneth Grima bhala mandatarji specjali tal-assenti Ronald Luther Philipa**

***kontra***

**L-Avukat Dottor Patrick Spiteri f`ismu propju u f`isem id-ditta tal-Avukati Muscat Azzopardi & Associates u martu Sylvana bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma` l-istess Avukat Dottor Patrick Spiteri, kif ukoll l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi f`ismu propju u f`isem id-ditta tal-Avukati Muscat Azzopardi & Associates u martu Mary Ann sive Marian bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma` l-istess Godwin Muscat Azzopardi**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors ta` Sylvana Spiteri ("<u>l-esekutata</u>") tat-23 ta` Mejju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm specifikati, talbet lill-Qorti sabiex *a tenur tad-disposizzjonijiet tas-subincizi (b) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 joghgobha tordna r-revoka in parte tal-mandat fl-ismijiet premessi in kwantu jirrigwarda propjetajiet ta` l-intimata illi m`humiex imsemmija specifikament fl-imsemmi mandat kif illum trid il-ligi.*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Gunju 2014.

Rat ir-risposta li l-Avukat Dottor Tonio Fenech u tal-Avukat Dottor Kenneth Grima noe ("<u>l-esekutanti</u>") pprezentat fil-11 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, u billi ghad ghandhom interess li jkomplu jikkawtelaw il-kreditu taghhom, opponew it-talbiet ta` Sylvana Spiteri, u talbu lill-Qorti sabiex tichadhom.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**<u>L-Art 836(1) tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin :*

Fil-kaz tal-lum, l-esekutanti qeghda titlob ir-revoka limitata tal-mandat de quo, u cioe` safejn dan jolqot lilha, abbazi ta` tnejn mir-ragunijiet u cioe` **il-paragrafu (b) u l-paragrafu (f)**.

**1. Il-paragrafu (b)**

Dan il-paragrafu jitkellem meta *waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti.*

Il-Qorti tifhem li l-esekutanti qeghda tistrieh fuq din id-disposizzjoni ghar-raguni li ghalkemm fiz-zmien meta hareg il-mandat, il-ligi vigenti dak iz-zmien kienet tippermetti li tkun milquta l-propjeta` b`mod generali tad-debitur, in segwitu l-ligi nbidlet fis-sens illi l-propjeta` li kellha tkun kolpita kellha tkun specifikament indikata.

Il-Qorti qeghda tirrespingi dan l-argument.

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Frar 1987 fil-kawza "**David Harding vs Lawrence A. Farrugia et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*Il-Qorti hija fid-dmir li tiddeciedi l-kawza li jkollha quddiemha skond kif tiddisponi l-ligi vigenti u mhux ukoll skond kif eventwalment din ghad (u forsi) trid tigi emendata. Diversament, ic-cittadin jinqabad fil-morsa ta` l-incertezza u tad-dubju.*

Jidher li huwa generalment rikonoxxut fil-gurisprudenza taghna li r-regola li ghandha tipprevali f'materja ta' retroattivita` ta' ligijiet hija dik pronunzjata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-26 ta' Frar 1954 fil-kawza "**Edgar Baldacchino et**

**vs Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et**." Hemm kien ritenut li meta f'ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku.

Din il-Qorti fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1959 fil-kawza "**Joseph Caruana Curran ne vs Anthony Camilleri ne**" esprimiet ruhha konformement ma dan it-taghlim tal-Qorti ta' l-Appell meta rriteniet li biex ligi jkollha effett retroattiv, jehtieg li dan l-effett jirrizulta b'mod l-aktar car u zgur, u ghaldaqstant, fid-dubbju ghandu jkun eskluz.

Il-kuncett ta' retroattivita jsib ukoll applikazzjoni fi proceduri gja mibdija billi, kif gie ritenut fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta' Dicembru 1947 fil-kawza "**Dottor Filippo Nicolo Buttigieg et vs Maggur Gerard C. Gatt R.M.A**." fil-kaz ta' procedimenti ga avvjati ligi gdida ma tistax tkun retroattiva, izda r-retroattivita` ghandha xorta wahda tigi applikata f'procedimenti ga avvjati **jekk din tkun espressament sancita` mill-istess ligi gdida**.

Fil-kaz tal-lum, il-ligi kif inbidlet ma tistax tingieb bhala argument ghar-revoka anke parzjali tal-mandat.

Apparti dan, l-esekutanti ma ressqet l-ebda bazi ohra in sostenn tat-talba taghha ghar-revoka parzjali tal-mandat skond il-paragrafu (b).

**2. Il-paragrafu (f)**

Dan il-paragrafu jitkellem meta *jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Fil-provvediment tal-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* din il-Qorti (**JRM**) qalet hekk dwar **l-Art 836(1)(f)** tal-Kap 12 :-

*"Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ* ; "

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-argument li kien respint minnha ghar-rigward tal-paragrafu (b) ma jistax jingieb `il quddiem biex isostni istanza skond il-paragrafu (f) u dan ghall-istess ragunijiet diga` msemmija.

Inoltre c-cirkostanzi ta` fatt li ssemmi l-esekutanti fil-paragrafi hamsa (5) sa disgha (9) tar-rikors taghha mhumiex cirkostanzi godda li rrizultaw wara l-hrug tal-mandat.

Jinghad ukoll li dan mhuwiex kaz fejn giet kolpita propjeta` li ma tappartjenix, anke jekk in parte, lill-esekutata, anke jekk mhijiex specifikament indikata fir-rikors fejn intalab il-hrug tal-mandat.

Lanqas ma hemm xi disputa fattwali min-naha tal-esekutata fis-sens illi l-parte indiviza ta` dik il-propjeta` m`ghandhiex tkompli tikkawtela l-kreditu tal-esekutanti.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tat-23 ta` Mejju 2014. L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati sabiex jigu regolati skond is-sentenza dwar il-mertu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------